MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2367/2004

**Mario Testa**
**vs**
**Lawrence Saliba**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Dicembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mija u tmenin lira Maltija (Lm180.00) rapprezentanti tmenin lira (Lm80.00) somma flus li l-attur hallas lill-konvenut ghal xoghol ta' aluminium, li baqa' ma sarx u kwantu ghal mitt lira Maltija (Lm100.00) rapprezentanti danni sofferti mill-attur kawza tal-fatt li x-xogholijiet in kwistjoni baqghu ma sarux u ser ikollhom isiru minn terzi.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-28 ta' April, 2005, fejn intqal :**

**i. illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-ammont reklamat mhux dovut ;**
**ii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fis-16 ta' Frar, 2006 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherex, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tmenin lira Maltija (Lm180.00) bl-imghax legali dekoribbli mill-lum, u bl-ispejjes kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------